# ĦAJR!

Madwar 30 sena ilu l-awtur Kenneth Gergen kien ħareġ bi stqarrija li hija varjazzjoni ta' sentenza oħra li kien qal ħassieb Franċiż fis-seklu XVII. Dan Gergen kien kiteb, "I am linked, therefore I am". Xi wħud iridu jittrasformaw is-sens ta' x'inhi r-realtà u jibdlu din tal-aħħar f'dak li jsibu fil-mezzi soċjali.

Il-festa li qegħdin kważi ntemmuha, turina li ħajja reali ta' hemm barra tagħti sens ta' realtà li ma nsibuhiex magħluqin fil-kamra tagħna. Nispera li dil-festa tispiċċa b'wiċċ il-ġid għax qiegħed nikteb it-Tlieta.

Minn hawn nixtieq inrodd ħajr lil dawk kollha li ħadmu fuq dak li huwa reali, fil-ħidmiet komunitarji hawnhekk fil-parroċċa. Nirringrazzja lil dawk il-mijiet ta' persuni, li minn qalbhom, b'servizz lejn il-parroċċa u b'qima lil Pietru u Pawlu bla heda, qishom suldati, li wara snin ta' Covid ħarġu biex isebbħu u jgħollu l-qlub. Ma nsemmihomx b'isimhom għax ma rrid inħalli lil ħadd barra. Imma lilkom ilkoll li għentu bl-inkuraġġiment, bil-flus, bis-sigħat twal ta' ħidma biex iżżejnu, tixegħlu u ddawlu s-smewwiet, il-knisja u t-triqat; fuq kollox intom li għextu l-festa fil-qalb tagħkom bil-laqgħa mat-tagħlim ta' Pietru u Pawlu u li ħallejtu l-Kelma t'Alla tibdilkom u ġġeddidkom. Intom li fraħtu, dħaqtu u daħħaqtu, li pprovdejtu l-ikel li jmantni l-ġisem u l-ispirtu, u l-mużika li tpaxxi l-qalb u r-ruħ.

Ħajr lil kulħadd u jalla l-festa tibqa' għalina tifkira sabiħa u okkażjoni biex nibqgħu qrib ta' Kristu.

***L-Arċipriet***



Ritratt ta' Martin Attard

## AVVIŻI:

**QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR:** illum il-Ħadd 3 ta' Lulju fl-9:45am se ssir quddiesa b'ringrazzjament għal dawk kollha li ħadmu għall-organizzazzjoni tal-festa u wara jsir id-dħul tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl fin-niċċa.

**L-GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL LULJU:**

Il-Ħadd 3, 17 u 31 ta' Lulju mit-8:00am sas-1:00pm

It-Tlieta 12 ta' Lulju mill-10:30am sal-5:00pm

It-Tlieta 26 ta' Lulju mis-1:00pm sal-5:00pm.

*Il-karta tal-identità u maskra huma meħtieġa.*

**ROKNA EKOLOĠIKA -** ***RIŻORSI FL-IBĦRA***

Dawn jikkonsistu fil-ħut u l-ħxejjex u riżorsi oħrajn bħal metalli rari u prezzjużi. Dawn il-metalli se jkunu importanti ħafna biex id-dinja taqleb għall-Green Energy. Illum qegħdin iktar fil-qrib iż-żmien li ssir l-estrazzjoni massiċċa ta' dawn il-metalli. Nittamaw li kollox isir mingħajr il-qirda tal-ħolqien li tana l-Ħallieq.

**ENGLISH CORNER**

Starting from this Sunday, July 3rd, the Holy Mass in English will resume at the Franciscan's Chapel at 10:15am. Everyone is welcome.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am